PARLAMENT EWROPEW 2009 - 2014

*Kumitat għall-Kultura u l-Edukazzjoni*

**2011/2025(INI)**

22.3.2011

# EMENDI 1 - 34

**Abbozz ta' opinjoni**
**Seán Kelly**
(PE458.791v01-00)

Strateġija komprensiva dwar il-ħarsien tad-dejta personali fl-Unjoni Ewropea
(COM(2010)0609 – 2011/2025(INI))



Magħquda fid-diversità

**Emenda 1**
**Emma McClarkin**

**Abbozz ta' opinjoni**
**Paragrafu 1**

| *Abbozz ta' opinjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. Jenfasizza l-bżonn li jkun hemm definizzjoni aħjar u usa' tad-data personali f'teknoloġiji onlajn u diġitali, partikolarment għal dak li għandu x'jaqsam ma' forom ġodda ta' identifikazzjoni individwali u rintraċċar; | 1. Jenfasizza l-bżonn li jkun hemm definizzjoni aħjar u usa' tad-data personali f'teknoloġiji onlajn u diġitali, partikolarment għal dak li għandu x'jaqsam ma' forom ġodda ta' identifikazzjoni individwali u rintraċċar***, speċjalment f'termini ta' HTTP cookies u d-Direttiva 2008/58/KE;*** |

Or. en

**Emenda 2**
**Marietje Schaake**

**Abbozz ta' opinjoni**
**Paragrafu 1**

| *Abbozz ta' opinjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. Jenfasizza l-bżonn li jkun hemm definizzjoni aħjar u usa' tad-data personali f'teknoloġiji onlajn u diġitali, partikolarment għal dak li għandu x'jaqsam ma' forom ġodda ta' identifikazzjoni individwali u rintraċċar; | 1. Jenfasizza l-bżonn li jkun hemm definizzjoni aħjar u usa' tad-data personali f'teknoloġiji onlajn u diġitali, partikolarment għal dak li għandu x'jaqsam ma' forom ġodda ta' identifikazzjoni individwali u rintraċċar***, biex tkun żgurata ċ-ċertezza legali fis-suq uniku diġitali;*** |

Or. en

**Emenda 3**
**Nadja Hirsch**

**Abbozz ta' opinjoni**
**Paragrafu 1**

| *Abbozz ta' opinjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. Jenfasizza l-bżonn li jkun hemm definizzjoni aħjar u usa' tad-data personali f'teknoloġiji onlajn u diġitali, partikolarment għal dak li għandu x'jaqsam ma' forom ġodda ta' identifikazzjoni individwali u rintraċċar; | 1. Jenfasizza l-bżonn li jkun hemm definizzjoni aħjar u usa' tad-data personali f'teknoloġiji onlajn u diġitali, partikolarment għal dak li għandu x'jaqsam ma' forom ġodda ta' identifikazzjoni individwali u rintraċċar***, sabiex tiffaċilita protezzjoni tad-data aktar effikaċi;*** |

Or. de

**Emenda 4**
**Malika Benarab-Attou**

**Abbozz ta' opinjoni**
**Paragrafu 1 a (ġdid)**

| *Abbozz ta' opinjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***1a. Jenfasizza li l-ipproċessar ta' data sensittiva li ssemmi l-oriġini razzjali jew etnika, l-opinjonijiet politiċi, ir-reliġjon jew il-konvinzjonijiet filosofiċi jew is-sħubija ma' trejdjunjins u data marbuta mas-saħħa tan-nies jew il-ħajja sesswali tagħhom trid tiġi strettament regolata, bir-rilaxx ta' informazzjoni bħal din tkun projbita bħala regola ġenerali;*** |

Or. fr

**Emenda 5**
**Maria Badia i Cutchet**

**Abbozz ta' opinjoni**
**Paragrafu 1 a (ġdid)**

| *Abbozz ta' opinjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***1a. Ifakkar li l-eżenzjoni attwali fid-Direttiva 95/46/KE (Artikolu 9) minn ċerti regoli tal-protezzjoni tad-data għal*** |

| | |
|---|---|
| | ***skopijiet ġurnalistiċi hi vitali biex l-istampa tkun ħielsa u indipenedenti. Jistieden lill-Kummissjoni biex iżżomm din l-eżenzjoni bħala minimu, u idealment issaħħaħha;*** |

Or. en

**Emenda 6**
**Malika Benarab-Attou**

**Abbozz ta' opinjoni**
**Paragrafu 2**

| *Abbozz ta' opinjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. Jisħaq fuq l-importanza li l-utenti jiġu mgħarrfa ***bl-awtorità*** kompetenti tal-protezzjoni tad-data kif ukoll ***bil-modi*** biex jaċċessaw, biex jirranġaw u biex iħassru d-data personali tagħhom; | 2. Jisħaq fuq l-importanza li l-utenti jiġu mgħarrfa ***bl-identita tal-awtorità*** kompetenti tal-protezzjoni tad-data kif ukoll ***bid-dritt tagħhom*** biex jaċċessaw, biex jirranġaw u biex iħassru d-data personali tagħhom ***u biex jeżerċitaw "id-dritt li jintesew" tagħhom, jiġifieri jwaqqfu d-data tagħhom milli tkun proċessata u li l-informazzjoni dwarhom titħassar meta din ma tkunx meħtieġa aktar għal skopijiet leġittimi.*** |

Or. fr

**Emenda 7**
**Maria Badia i Cutchet**

**Abbozz ta' opinjoni**
**Paragrafu 2**

| *Abbozz ta' opinjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. Jisħaq fuq l-importanza li l-utenti jiġu mgħarrfa bl-awtorità kompetenti tal-protezzjoni tad-data kif ukoll bil-modi biex jaċċessaw, biex jirranġaw u biex iħassru d-data personali tagħhom; | 2. Jisħaq fuq l-importanza li l-utenti jiġu mgħarrfa bl-awtorità kompetenti tal-protezzjoni tad-data kif ukoll bil-modi ***faċli*** biex jaċċessaw, biex jirranġaw u biex iħassru d-data personali tagħhom; |

Or. en

**Emenda 8**
**Georgios Papanikolaou**

**Abbozz ta' opinjoni**
**Paragrafu 3**

| *Abbozz ta' opinjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 3. Jenfasizza li għandhom ikunu implimentati mekkaniżmi xierqa biex jirreġistraw l-approvazzjoni jew *ir-revokazzjoni* tal-kunsens tal-utent; | 3. Jenfasizza li għandhom ikunu implimentati mekkaniżmi xierqa biex jirreġistraw l-approvazzjoni jew *ir-revoka* tal-kunsens tal-utent, ***li għandha tkun espliċita u mhux preżunta***; |

Or. el

**Emenda 9**
**Marietje Schaake**

**Abbozz ta' opinjoni**
**Paragrafu 3**

| *Abbozz ta' opinjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 3. Jenfasizza li għandhom ikunu implimentati mekkaniżmi xierqa biex jirreġistraw l-approvazzjoni jew *ir-revokazzjoni* tal-kunsens tal-utent; | 3. Jenfasizza li għandhom ikunu implimentati mekkaniżmi xierqa biex jirreġistraw l-approvazzjoni jew *ir-revoka* tal-kunsens tal-utent***, billi l-kontrollur tad-data għandu jkollu l-oneru tal-prova li ngħata kunsens adegwat mill-persuna li dwarha ntalbet id-data għal kull ipproċessar previst ta' data personali;*** |

Or. en

**Emenda 10**
**Hannu Takkula**

**Abbozz ta' opinjoni**
**Paragrafu 3**

| *Abbozz ta' opinjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 3. Jenfasizza li għandhom ikunu implimentati mekkaniżmi xierqa biex jirreġistraw l-approvazzjoni jew ir-revokazzjoni tal-kunsens tal-utent; | *Ma taffettwax il-verżjoni Maltija.* |

Or. fi

**Emenda 11**
**Malika Benarab-Attou**

**Abbozz ta' opinjoni**
**Paragrafu 3 a (ġdid)**

| *Abbozz ta' opinjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***3a. Jenfasizza li data personali dwar is-sitwazzjoni professjonali tal-utent ma għandhiex tiġi ppubblikata jew mgħoddija lil partijiet terzi mingħajr il-permess minn qabel tal-persuna kkonċernata;*** |

Or. fr

**Emenda 12**
**Marietje Schaake**

**Abbozz ta' opinjoni**
**Paragrafu 3 a (ġdid)**

| *Abbozz ta' opinjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***3a. Jenfasizza li d-dikjarazzjonijiet ta' privatezza b'mod ġenerali huma diffiċli ħafna biex jinqraw u jinftiehmu għall-utenti kollha, għalhekk jinkoraġġixxi sistema informattiva li permezz tagħha s-suġġett tad-data jista' jifhem kif id-dejta personali tiegħu se tkun pproċessata ladarba jingħata l-kunsens;*** |

Or. en

**Emenda 13**
**Marietje Schaake**

**Abbozz ta' opinjoni**
**Paragrafu 3 b (ġdid)**

| *Abbozz ta' opinjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***3b. Jenfasizza li t-trasparenza hi meħtieġa biss għas-suġġett tad-data u mhux għal partijiet terzi li jkollhom interess fid-data personali tas-suġġetti tad-data, sakemm il-ħruġ ta' data personali jkun ingħata minn sentenza formali tal-qorti ;*** |

Or. en

**Emenda 14**
**Seán Kelly**

**Abbozz ta' opinjoni**
**Paragrafu 3 a (ġdid)**

| *Abbozz ta' opinjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***3a. Ifakkar li l-utenti tal-Internet għandu jkollhom id-dritt li jiġu minsija fil-kuntest tan-netwerks soċjali u tas-sistema tal-'cloud computing'; jenfasizza f'dan ir-rigward li l-utenti għandu jkollhom id-dritt li jeżerċitaw kontroll fuq liema aspetti tad-data personali tagħhom għandha tkun aċċessibbli għall-pubbliku;*** |

Or. en

**Emenda 15**
**Santiago Fisas Ayxela**

**Abbozz ta' opinjoni**
**Paragrafu 3 – a (ġdid)**

| *Abbozz ta' opinjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***3a. Jenfasizza l-ħtieġa li jiġu identifikati l-utenti ta' kontenut ta' proprjetà intellettwali bħala mezz biex tiġi kumbattuta l-piraterija suġġetta għas-salvagwardji legali kollha; l-awtoritajiet responsabbli jistgħu jeħtieġu kif xieraq li l-fornituri tas-servizz onlajn jirrilaxxaw data biex din l-identifikazzjoni tkun possibbli;*** |

Or. es

**Emenda 16**
**Emma McClarkin**

**Abbozz ta' opinjoni**
**Paragrafu 4**

| *Abbozz ta' opinjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 4. Jisħaq fuq il-bżonn ta' miżuri speċifiċi onlajn tal-protezzjoni tad-data biex ikunu protetti t-tfal u l-minuri; itenni li l-litteriżmu medjatiku għandu jkun element essenzjali ta' edukazzjoni formali sabiex it-tfal u l-minuri jitgħallmu kif għandhom jaġixxu b'mod responsabbli fl-ambjent onlajn. | 4. Jisħaq fuq il-bżonn ta' miżuri speċifiċi onlajn tal-protezzjoni tad-data biex ikunu protetti t-tfal u l-minuri; itenni li l-litteriżmu medjatiku għandu jkun element essenzjali ta' edukazzjoni formali sabiex it-tfal u l-minuri jitgħallmu kif għandhom jaġixxu b'mod responsabbli ***u sigur*** fl-ambjent onlajn; |

Or. en

**Emenda 17**
**Georgios Papanikolaou**

**Abbozz ta' opinjoni**
**Paragrafu 4**

| *Abbozz ta' opinjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 4. Jisħaq fuq il-bżonn ta' miżuri speċifiċi onlajn tal-protezzjoni tad-data biex ikunu | 4. Jisħaq fuq il-bżonn ta' miżuri speċifiċi onlajn tal-protezzjoni tad-data biex ikunu |

| | |
|---|---|
| protetti t-tfal u l-minuri; itenni li l-litteriżmu medjatiku għandu jkun element essenzjali ta' edukazzjoni formali sabiex it-tfal u l-minuri jitgħallmu kif għandhom jaġixxu b'mod responsabbli fl-ambjent onlajn. | protetti t-tfal u l-minuri; ***il-fornituri ta' netwerking soċjali għandhom jippubblikaw il-politiki tas-sigurtà tagħhom b'lingwaġġ ċar u sempliċi u jqiegħdu din l-informazzjoni f'post prominenti sabiex jippermettu li l-utenti taħt l-età japprezzaw il-perikli involuti;*** itenni li l-litteriżmu medjatiku għandu jkun element essenzjali ta' edukazzjoni formali sabiex it-tfal u l-minuri jitgħallmu kif għandhom jaġixxu b'mod responsabbli fl-ambjent onlajn. |

Or. el

**Emenda 18**
**Marietje Schaake**

**Abbozz ta' opinjoni**
**Paragrafu 4**

| *Abbozz ta' opinjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 4. Jisħaq fuq il-bżonn ta' miżuri speċifiċi onlajn tal-protezzjoni tad-data biex ikunu protetti t-tfal u l-minuri; itenni li l-litteriżmu medjatiku għandu jkun element essenzjali ta' edukazzjoni formali sabiex it-tfal u l-minuri jitgħallmu kif għandhom jaġixxu b'mod responsabbli fl-ambjent onlajn. | 4. Jisħaq fuq il-bżonn ta' miżuri speċifiċi onlajn tal-protezzjoni tad-data biex ikunu protetti t-tfal u l-minuri; itenni li l-litteriżmu medjatiku ***u tal-ICT*** għandu jkun element essenzjali ta' edukazzjoni formali sabiex it-tfal u l-minuri jitgħallmu kif għandhom jaġixxu b'mod responsabbli fl-ambjent onlajn. |

Or. en

**Emenda 19**
**Hannu Takkula**

**Abbozz ta' opinjoni**
**Paragrafu 4**

| *Abbozz ta' opinjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 4. Jisħaq fuq il-bżonn ta' miżuri speċifiċi onlajn tal-protezzjoni tad-data biex ikunu | 4. Jisħaq fuq il-bżonn ta' miżuri speċifiċi onlajn tal-protezzjoni tad-data biex ikunu |

protetti t-tfal u l-minuri; itenni li l-litteriżmu ***medjatiku*** għandu jkun element essenzjali ta' edukazzjoni formali sabiex it-tfal u l-minuri jitgħallmu kif għandhom jaġixxu b'mod responsabbli fl-ambjent onlajn.

protetti t-tfal u l-minuri; itenni li l-litteriżmu ***diġitali*** għandu jkun element essenzjali ta' edukazzjoni formali sabiex it-tfal u l-minuri jitgħallmu kif għandhom jaġixxu b'mod responsabbli fl-ambjent onlajn.

Or. fi

**Emenda 20**
**Santiago Fisas Ayxela**

**Abbozz ta' opinjoni**
**Paragrafu 4**

| *Abbozz ta' opinjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 4. Jisħaq fuq il-bżonn ta' miżuri speċifiċi onlajn tal-protezzjoni tad-data biex ikunu protetti t-tfal u l-minuri; itenni li l-litteriżmu ***medjatiku*** għandu jkun element essenzjali ta' edukazzjoni ***formali*** sabiex it-tfal u l-minuri jitgħallmu kif għandhom jaġixxu b'mod responsabbli fl-ambjent onlajn. | 4. Jisħaq fuq il-bżonn ta' miżuri speċifiċi onlajn tal-protezzjoni tad-data biex ikunu protetti t-tfal u l-minuri; itenni li l-litteriżmu ***diġitali*** għandu jkun element essenzjali ta' edukazzjoni ***regolata*** sabiex it-tfal u l-minuri jitgħallmu kif għandhom jaġixxu b'mod responsabbli fl-ambjent onlajn. |

Or. es

**Emenda 21**
**Petra Kammerevert, Helga Trüpel**

**Abbozz ta' opinjoni**
**Paragrafu 4 a (ġdid)**

| *Abbozz ta' opinjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***4a. Għalhekk jistieden lill-Istati Membri biex jinkludu instruzzjonijiet fl-użu tal-midja bħala parti integrali mill-kurrikulu fl-iskejjel u fi stabbilimenti edukattivi oħra, inklużi skejjel tat-tfal żgħar, u li l-għalliema u l-edukaturi jingħataw opportunitajiet xierqa ta' taħriġ u ta' taħriġ addizzjonali;*** |

Or. de

**Emenda 22**
**Emma McClarkin**

**Abbozz ta' opinjoni**
**Paragrafu 5**

| *Abbozz ta' opinjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 5. Jitlob biex il-kontrolluri tad-data jkunu obbligati biex jaddottaw mekkaniżmi li jivverfikaw l-età; | 5. Jitlob biex il-kontrolluri tad-data jkunu obbligati biex jaddottaw mekkaniżmi li jivverfikaw l-età***, sakemm dan il-proċess ma jheddidx il-privatezza jew iwaqqaf konsumaturi leġittimi milli jkollhom aċċess għal servizzi onlajn;*** |

Or. en

**Emenda 23**
**Marietje Schaake**

**Abbozz ta' opinjoni**
**Paragrafu 6**

| *Abbozz ta' opinjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 6. Jitlob għat-twaqqif ta' obbligi speċifiċi u rekwiżiti meta tkun qed tiġi pproċessata d-data inrelazzjoni ma' minuri, u partikolarment mat-tfal, inkluża l-projbizzjoni tal-ġbir ta' data ***sensittiva*** li għandha x'taqsam mat-tfal; jissuġġerixxi li l-ġbir ta' informazzjoni personali minn minuri m'għandux jitħalla sakemm ma jkunx hemm raġunijiet neċessarji u legali; | 6. Jitlob għat-twaqqif ta' obbligi speċifiċi u rekwiżiti meta tkun qed tiġi pproċessata d-data inrelazzjoni ma' minuri, u partikolarment mat-tfal, inkluża l-projbizzjoni tal-ġbir ta' data li għandha x'taqsam mat-tfal; jissuġġerixxi li l-ġbir ta' informazzjoni personali minn minuri m'għandux jitħalla sakemm ma jkunx hemm raġunijiet neċessarji u legali; |

Or. en

**Emenda 24**
**Hannu Takkula**

**Abbozz ta' opinjoni**
**Paragrafu 6**

| *Abbozz ta' opinjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| 6. Jitlob għat-twaqqif ta' obbligi speċifiċi u rekwiżiti meta tkun qed tiġi pproċessata d-data inrelazzjoni ma' minuri, u partikolarment mat-tfal, inkluża l-projbizzjoni tal-ġbir ta' data sensittiva li għandha x'taqsam mat-tfal; jissuġġerixxi li l-ġbir ta' informazzjoni personali minn minuri m'għandux jitħalla sakemm ma jkunx hemm raġunijiet ***neċessarji u*** legali; | 6. Jitlob għat-twaqqif ta' obbligi speċifiċi u rekwiżiti meta tkun qed tiġi pproċessata d-data inrelazzjoni ma' minuri, u partikolarment mat-tfal, inkluża l-projbizzjoni tal-ġbir ta' data sensittiva li għandha x'taqsam mat-tfal; jissuġġerixxi li l-ġbir ta' informazzjoni personali minn minuri m'għandux jitħalla sakemm ma jkunx hemm raġunijiet legali; |

Or. fi

**Emenda 25**
**Georgios Papanikolaou**

**Abbozz ta' opinjoni**
**Paragrafu 6 a (ġdid)**

| *Abbozz ta' opinjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| | ***6α. Fil-ġbir u l-ipproċessar ta' data dwar studenti tal-iskola jew ta' dawk li jattendu istituzzjonijiet edukattivi oħra, għandha tingħata attenzjoni partikolari u d-data għandha titqassam biss wara li jkun ingħata kunsens speċifiku, filwaqt li jiġu rispettati l-interessi importanti tat-tfal ikkonċernati;*** |

Or. el

**Emenda 26**
**Marietje Schaake**

**Abbozz ta' opinjoni**
**Paragrafu 6 a (ġdid)**

| *Abbozz ta' opinjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***6a. Jissuġġerixxi sistema li biha l-livell ta' protezzjoni tad-data offrut ikun immedjatament ċar għas-suġġett tad-data qabel jingħata l-kunsens, possibilment fil-forma ta' sistema ta' gradazzjoni, li tkun sorveljata minn awtorità indipendenti;*** |

Or. en

**Emenda 27**
**Hella Ranner**

**Abbozz ta' opinjoni**
**Paragrafu 6 a (ġdid)**

| *Abbozz ta' opinjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***6a. Jenfasizza li l-introduzzjoni ta' dispożizzjonijiet legali bħal dawn dwar il-protezzjoni tad-data ma għandhiex tirriżulta f'ostakoli burokratiċi addizzjonali ta' natura temporali jew oħra għall-utenti u l-fornituri tas-servizzi rilevanti;*** |

Or. de

**Emenda 28**
**Georgios Papanikolaou**

**Abbozz ta' opinjoni**
**Paragrafu 7**

| *Abbozz ta' opinjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 7. Jinkoraġġixxi lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex jorganizzaw kampanji ta' informazzjoni mmirati lejn il-minuri, u partikolarment lejn it-tfal, b'enfasi fuq ir-riskji lejn il-privatezza tagħhom fl-ambjent onlajn u l-passi li jistgħu jieħdu biex | 7. Jinkoraġġixxi lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex jorganizzaw kampanji ta' informazzjoni mmirati lejn il-minuri, u partikolarment lejn it-tfal, b'enfasi fuq ir-riskji lejn il-privatezza tagħhom fl-ambjent onlajn u l-passi li jistgħu jieħdu biex |

| | |
|---|---|
| jipproteġu lilhom infushom; | jipproteġu lilhom infushom; ***utenti taħt l-età għandhom jingħataw direzzjoni xierqa u għandu jsir sforz biex l-anonimità tagħhom tkun imħarsa jekk jużaw psewdonimu onlajn. Għandhom jitħeġġu wkoll biex idaħħlu lanqas ammont possibbli ta' tagħrif fuq netwerks soċjali u jkunu konxji mill-perikli li jirrilaxxaw data personali bħal ritratti, numri tat-telefown jew indirizzi tad-dar;*** |

Or. el

**Emenda 29**
**Nadja Hirsch**

**Abbozz ta' opinjoni**
**Paragrafu 7**

| *Abbozz ta' opinjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 7. Jinkoraġġixxi lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex jorganizzaw kampanji ta' informazzjoni mmirati lejn il-minuri, u partikolarment lejn it-tfal, b'enfasi fuq ir-riskji lejn il-privatezza tagħhom fl-ambjent onlajn u l-passi li jistgħu jieħdu biex jipproteġu lilhom infushom; | 7. Jinkoraġġixxi lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex jorganizzaw kampanji ta' informazzjoni mmirati lejn il-minuri, u partikolarment lejn it-tfal ***u l-ġenituri***, b'enfasi fuq ir-riskji lejn il-privatezza tagħhom fl-ambjent onlajn u l-passi li jistgħu jieħdu biex jipproteġu lilhom infushom; |

Or. de

**Emenda 30**
**Marietje Schaake**

**Abbozz ta' opinjoni**
**Paragrafu 7**

| *Abbozz ta' opinjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 7. Jinkoraġġixxi lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex jorganizzaw kampanji ta' informazzjoni mmirati lejn il-minuri, u partikolarment lejn it-tfal, b'enfasi fuq ir- | 7. Jinkoraġġixxi lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex jorganizzaw kampanji ta' informazzjoni mmirati lejn il-minuri, u partikolarment lejn it-tfal, b'enfasi fuq ir- |

| | |
|---|---|
| riskji lejn il-privatezza tagħhom fl-ambjent onlajn ***u l-passi*** li jistgħu jieħdu biex jipproteġu lilhom infushom; | riskji lejn il-privatezza tagħhom fl-ambjent onlajn***, il-passi*** li jistgħu jieħdu biex jipproteġu lilhom infushom ***u l-bżonn li jerfgħu r-responsabilità tagħhom;*** |

Or. en

**Emenda 31**
**Hella Ranner**

**Abbozz ta' opinjoni**
**Paragrafu 7**

| *Abbozz ta' opinjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 7. Jinkoraġġixxi lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex jorganizzaw kampanji ta' informazzjoni mmirati lejn il-minuri, u partikolarment lejn it-tfal, b'enfasi fuq ir-riskji lejn il-privatezza tagħhom fl-ambjent onlajn u l-passi li jistgħu jieħdu biex jipproteġu lilhom infushom; | 7. Jinkoraġġixxi lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex jorganizzaw kampanji ta' informazzjoni mmirati lejn il-minuri, u partikolarment lejn it-tfal, b'enfasi fuq ir-riskji lejn il-privatezza tagħhom fl-ambjent onlajn u l-passi li jistgħu jieħdu biex jipproteġu lilhom infushom; ***jenfasizza li tagħrif bħal dan għandu jkun provdut b'mod ċar u komprensibbli; dan ir-rekwiżit għandu jappika b'mod partikolari għall-formulazzjoni ta' testi li jipprovdu l-bażi għal kunsens speċifiku għall-użu ta' data;*** |

Or. de

**Emenda 32**
**Hannu Takkula**

**Abbozz ta' opinjoni**
**Paragrafu 7**

| *Abbozz ta' opinjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 7. Jinkoraġġixxi lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex jorganizzaw kampanji ta' informazzjoni mmirati lejn il-minuri, u partikolarment lejn it-tfal, b'enfasi fuq ir-riskji lejn il-privatezza tagħhom fl-ambjent | 7. Jinkoraġġixxi lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex jorganizzaw kampanji ta' informazzjoni mmirati lejn il-minuri, u partikolarment lejn it-tfal, ***u dawn li jieħdu ħsiebhom*** b'enfasi fuq ir-riskji lejn il- |

onlajn u l-passi li jistgħu jieħdu biex jipproteġu lilhom infushom;

privatezza tagħhom fl-ambjent onlajn u l-passi li jistgħu jieħdu biex jipproteġu lilhom infushom;

Or. fi

**Emenda 33**
**Emma McClarkin**

**Abbozz ta' opinjoni**
**Paragrafu 8**

| *Abbozz ta' opinjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 8. Jirrakkomanda wkoll kampanji ta' ***taħriġ u*** għarfien immirati lejn kontrolluri tad-data u proċessuri, biex ikunu informati fuq l-obbligi tagħhom. | 8. Jirrakkomanda wkoll kampanji ta' għarfien immirati lejn kontrolluri tad-data u proċessuri, biex ikunu informati fuq l-obbligi ***u r-responsabilitajiet*** tagħhom. |

Or. en

**Emenda 34**
**Seán Kelly**

**Abbozz ta' opinjoni**
**Paragrafu 8 a (ġdid)**

| *Abbozz ta' opinjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***8a. Jenfasizza l-importanza li tinżamm, u fejn xieraq, tissaħħaħ, id-deroga għal skopijiet ġurnalistiċi fl-Artikolu 9 tad-Direttiva 95/46/KE li hi prerekwiżit meħtieġ għall-eżerċizzju ta' attivitajiet ġurnalistiċi f'ambjent dejjem iżjed medjatiku teknoloġiku u kumpless, kif ukoll għat-twettiq tar-rwol tal-midja f'soċjetajiet demokratiċi.*** |

Or. en